MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2007

Numru 1208/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Ramon Mercieca)**

**vs**

**Josef Camilleri ta' 30 sena, iben John u Katy nee Mallia, imwieled Pieta' nhar l-4 ta' Lulju, 1976 u li joqghod Block No. 1, Flat No 3, Triq il-31 ta' Marzu, Gharghur,**
**detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 346976 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Josef Camilleri li gie akkuzat talli nhar id-29 ta' Ottubru, 2006 ghall-habta ta' xi 04.30 hrs gewwa l-Gharghur:

(a) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta‘ registrazzjoni CAC-926, liema hsara hija aktar minn Lm 50 (hamsin Lira Maltin), izda mhux aktar minn Lm 500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta‘ Saviour Garzia u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(b) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawza feriti ta‘ natura hafifa fuq il-persuna ta‘ Roberto De Sanctis skond kif iccertifika Dr Andrew Zammit MD (Reg No 2584) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta,
(c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta‘ Saviour Garzia u Roberto De Sanctis weggaghhom bi kliem b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 252(1)(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta;
(d) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Saviour Garzia u Roberto De Sanctis sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta,
(e) U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijeit ta‘ Malta.
(f) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-fomm hedded lil Saviour Garzia u Roberto De Sanctis b’delitt u cioe bi qtil u dan bi ksur ta‘ l-artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(g) U fl-ahhar nett talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b’zewg sentenzi li saru definittivi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 26/04/2005 Magistrat Dr Dennis Montebello LL. D. U dan bi ksur ta‘ artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

F’kaz ta‘ htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta‘ ta‘ Saviour Garzia u Roberto De Sanctis u tapplika l-provvedimenti ta‘ Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (fol 5).

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri u anke li huwa wiegeb li kien hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Rat li in vista ta‘ l-akkuzi kif migjuba, specjalment minhabba li l-akkuzat ammetta anke r-recidiva l-Qorti tatu anke zmien li jahseb fuq l-istess ammissjoni, liema ammissjoni huwa ghazel li jerga‘ jikkonferma fis-seduta ta‘ l-20 ta‘ April, 2007 a fol 22.

Semghet ix-xhieda tal-Maggur Garzia, li waqt l-incident in dizamina ma kienx fuq xoghol u kien liebes pajzan u dik ta‘ De Sanctis Robert, li kien passiggier mieghu. Ghandu jinghad li almenu fil-konfront tax-xhieda ta‘ l-istess Garzia, din tiddipartixxi immens minn dak li l-istess irraporta a tempo vergine. Fil-fatt viva voce Garzia ma jghid xejn minn dak minnu rapportat ta‘ theddid ta‘ qtil.

Illi anke fil-konfront tal-hsara sofferti fil-vettura ta‘ Garzia, ghalkemm giet esebita stima ghal ammont ta‘ Lm 60.00 (bla Vat) l-istess Garzia viva voce xehed li l-ispejjez kienu jammontaw ghal cirka Lm 50. Pero‘ l-istess stima ghalkemm esebita mill-Ispettur qatt ma giet ikkonfermata mill-parti leza.

Ghaldaqstant tenendo dak li xehdu Garzia u De Sanctis u ta‘ l-ammissjoni ta‘ l-istess akkuzat qeghda tiddikjara l-proceddiment ezawrit fl-ewwel u t-tieni akkuzi. In vista ta‘ l-ammissjoni ta‘ l-istess akkuzat issibu hati fil-konfront ta‘ l-akkuzi l-ohra wara li rat l-artikoli 252(1)(2), 339(d) u (e), 338(dd), 249, 40 u 50 ilkoll tal-Kapitlu 9. Pero‘ fil-konfront ta‘ l-artikoli 252 u 249 tal-Kapitlu 9 tigbed l-attenzjoni tad-Difiza li hawn si tratta ta‘ delitti u mhux ta‘ kontravenzjoni ghalhekk hija applikabbli r-recidiva. Rat ghalhekk l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9, ikkonsidrat l-ammissjoni bikrija u l-hlas tad-dannu ghalhekk ghazlet ukoll fil-konfront tal-piena li ma tapplikax l-artikolu 31 tal-Kapitlu 9, tikkundanna lil Josef Camilleri, anke pero‘ in vista li hu recidiv, ghal piena karcerarja ta‘ xahar u multa ta‘ Lm 300, dana tenut kont tal-fatt illi fl-incident qatt u qatt

Camilleri ma setgha kien gustifikat illi johrog mill-vettura tieghu u jitfa‘ gebla fuq windscreen ta‘ vettura ohra, azzjoni li qatt ma hi gustifikabbli, frankament bniedem civilizzat jew kien jirriversja jew icempel lill-pulizija biex isolvi l-vertenza pero‘ mhux u qatt igara gebla fuq windscreen ta‘ vettura.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------